MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2013

Appell Civili - Ghawdex Numru. 839/2007/1

**Direttur Servizzi tal-Kummerc**

**Vs**

**Pauline Vella u b'digriet moghti fil-25 ta' Mejju 2013 saret trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Anton Vella peress li l-intimata mietet fil-mori tal-proceduri**

Permezz ta' rikors prezentat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fis-7 ta' Dicembru 2007, Pauline Vella talbet li ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 il-qorti tiddikjara bhala nfondata t-talba tad-Direttur Servizzi tal-Kummerc ghall-hlas ta' 232.94 ewro bhala hlas ta' licenzja li ggib in-numru 11/569. Ir-raguni li tat ghalfejn il-hlas ma kienx dovut kien:-

*" ..... li hija mhijiex qeghda topera l-istess hanut u dana stante li giet zgumbrata minnu permezz ta' sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-10 ta' April 2003 fl-ismijiet Nikolina Bugeja vs Pawla Vella."*.

L-appellant wiegeb li qatt ma rcieva minghand Pauline Vella l-applikazzjoni mehtiega sabiex il-licenzja tigi trasferita fuq isimha. Ghalhekk sa fejn jaf hu l-licenzja kienet ghadha tghajjat lilha. Pero' ddikjara wkoll li kien ser jindaga dwar il-fatti.

Fil-fatt jirrizulta li:-

i. Permezz ta' ittra ufficjali perezentata fis-7 ta' Novembru 2007 l-appellant sejjah lill-appellata sabiex thallas is-somma ta' 232.94 ewro, hlas ta' licenzja bin-numru 11/569 ghas-snin 2003 sa 2006.
ii. B'sentenza li nghatat fl-10 ta' April 2003 mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-kaz **Nikolina Bugeja vs Pawla Vella et** (37/93), giet konfermata s-sentenza tal-ewwel qorti li biha gie ordnat l-izgumbrament tal-konjugi Vella mill-hanut 41, Triq de Soldanis, Victoria, Ghawdex.
iii. Minkejja li l-appellata u zewgha gew zgumbrati mill-hanut, il-licenzja baqghet ma gietx kancellata (ara deposizzjoni ta' Anton Vella, seduta tat-23 ta' Marzu 2012).
iv. B'digriet moghti fit-30 ta' Ottubru 2012 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Sede Inferjuri) laqghet it-talba ta' Pauline Vella u ddikjarat it-talba tal-appellant bhala nfondata. Ir-raguni ghad-decizjoni kienet li l-appellant kien naqas *".... li jindika korrettement taht liema ligi jew regolament kien qed jippretendi l-hlas ta' l-ammont minnu reklamat"*. Fil-fatt fin-nota ta' sottomissjonijiet l-appellant irrefera ghar-regolasment 16 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 441.07 pubblikat fis-6 ta' Jannar 2006, u l-qorti qalet *"... ghalhekk ma tistax tkun applikabbli ghal xi ammonti li setghu kienu dovuti ghas-snin precedenti meta allura ma kienux ghadhom gew fis-sehh dawn ir-regolamenti."*.

L-aggravju tal-appellant hu bazat fuq il-fatt li:-

*".... d-decizjoni tal-Qorti hija nulla u irritwali ghal raguni li l-ewwel Qorti agixxiet extra petita ai termini tal-Artikolu 790 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant ippregudikat il-jedd ta' s-smiegh xieraq li huwa element bazilari tal-principji tal-gustizzja naturali."*.

L-appellata wiegbet li d-decizjoni tal-qorti kienet gusta u kellha tigi kkonfermata.

Fis-seduta tal-5 ta' April 2013 il-qorti giet infurmata li l-appellata mietet fl-10 ta' Frar 2013 u wara saret it-trasfuzjoni tal-gudizzju.

Fl-ewwel lok il-qorti tordna korrezzjoni fir-rikors tal-appell ghaliex hu evidenti li l-appellant ha zball meta ddikjara li r-rikors ta' l-appell hu tad-Direttur Servizzi Socjali.

Wara li l-qorti rat l-atti, hi tal-fehma li:-

i. Hu minnu li r-rikors promotur kien bazat fuq ir-raguni li Pauline Vella ma kenitx qeghda tiggestixxi l-hanut fil-perjodu li ghalih kienet qeghda tirreferi l-ittra ufficjali prezentata fis-7 ta' Novembru 2007. Pero' kien l-appellant li in sostenn tat-tezi tieghu li l-hlas kien dovut, ghamel riferenza ghar-regolament 16 tal-Ligi Sussidjarja 441.07. Quddiem l-ewwel qorti ma saret riferenza ghar-regolament 17 ta' l-Avviz Legali 102 tal-2002. Kif l-appellant ghamel riferenza ghal-Ligi Sussidjarja 441.07 biex jikkonvinci lill-qorti li kellu dritt jitlob il-hlas minghand l-appellata, ma kien hemm xejn milli jzommu milli jaghmel riferenza ghall-Avviz Legali 102 tal-2002. Ghalhekk *imputet sibi*.

ii. Certament li ladarba l-appellant ghamel riferenza ghal-Ligi Sussidjarja 441.07 il-qorti kellha l-obbligu li tikkunsidraha. Il-qorti ma tistax tifhem kif l-appellant isostni li *"..... fl-ebda stadju ma seta jbassar li l-ewwel Onorabbli Qorti se taghti d-decizjoni taghha proprju fuq l-applikabbilita' ta' l-imsemmija ligi."* (fol. 63). Hu d-dmir ta' kull qorti li tara jekk ligi, li ssir riferenza ghaliha minn xi parti, tapplikax ghal kaz li jkollu quddiemha. Fin-nuqqas ma tkunx qeghda tamministra l-gustizzja. Lanqas mhu gust l-appellant meta qal li *"... fl-ebda mument ma kkontestat (Pauline Vella) l-applikabbilita' tal-Avviz Legali 1 tal-2006 (L.S. 441.07)."* meta tqies li l-ewwel darba li ssemmiet din il-ligi kienet fin-nota ta' sottomissjonijiet

tieghu, cjoe’ l-ahhar att gudizzjarju li gie pprezentat qabel id-decizjoni tat-30 ta’ Ottubru 2012.

iii. L-appellant ma ghandux ragun meta jghid li l-qorti ssorprendietu bid-digriet li tat fit-30 ta’ Ottubru 2012. Kien hu stess li quddiem l-ewwel qorti argumenta li gialadarba ma nghatax l-avviz kontemplat fir-regolament 16 tal-Ligi Sussidjarja 441.07, allura l-appellata kellha obbligu li thallas il-licenzja. Mela l-appellant stess stieden lill-qorti biex tapplika r-regolament 16 tal-Ligi Sussidjarja 441.07 irrispettivament mill-fatt li Pauline Vella kienet giet zgumbrata mill-fond fl-2003. Fil-fatt fin-nota ta’ sottomissjonijiet qal:

*“Illi matul il-kors ta’ din il-kawza, il-konvenuta Pauline Vella strahet hafna fuq il-fatt li hemm sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta’ April 2003 li turi li kienet giet zgumbrata mill-hanut in kwistjoni. Izda din is-sentenza, skont il-ligi applikabbli ghal dan il-kaz, ma titterminax awtomatikament il-licenzja msemmija.”* (fol. 53).

Gialadarba l-appellata kienet qeghda ssostni li kienet giet zgumbrata mill-hanut fejn kellha l-licenzja u tat prova ta’ dan, l-appellant iggustifika t-talba tal-hlas fuq dak li jghid ir-regolament 16 tal-Ligi Sussidjarja 441.07. Il-qorti ezaminat ir-regolament u esprimiet il-fehma li peress li dik il-Ligi Sussidjarja kienet dahlet fis-sehh fis-6 ta’ Jannar 2006, ma kenitx tapplika ghal kaz odjern. Hu evidenti li l-ewwel qorti kienet qeghda tesprimi l-fehma li l-Ligi Sussidjarja ma kellix effett retroattiv. Dan ifisser li l-appellant m’ghandux ragun jilmenta li s-sentenza hi nulla skond l-Artikolu 790 tal-Kap. 12 ghaliex gie lez id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq.

iv. Imbaghad l-appellant jilmenta li f’kull kaz il-qorti applikat il-ligi hazin ghaliex meqjus ukoll li qabel l-Avviz Legali tal-2006 kien hemm l-Avviz Legali 102 tal-2002[1] li f’regolament 17 li kien jipprovdi:-

[1] Pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta’ April 2002.

*“17(1) Meta detentur ta’ licenzja jiddeciedi li jtemm jiggestixxi xi attivita’ kummercjali mill-post kummerecjali li jkollu licenzja, huwa ghandu minnufih javza lis-Sezzjoni Licenzji tal-Kummerc fuq il-formola adatta, filwaqt li jehmez maghha l-licenzja rilevanti.*

*......*

*(3) Minkejja kull avviz ghal waqfien kif hawn qabel imsemmi, d-detentur ta’ licenzja jkun responsabbli ghall-hlas ta’ kull dritt ghal licenzja dovut qabel ma jinghata dak l-avviz.”*.

L-appellant isostni li gialadarba l-Avviz Legali 102 tal-2002 kien fis-sehh qabel mal-ammont dovut minn Pauline Vella kien beda jiddekorri, *“..... l-istess avviz legali kien bla dubju vinkolanti fuq l-imsemmija appellata li kellha, ai termini ta’ l-imsemmi regolament 17(1), tiehu azzjoni sabiex tittermina l-licenzja billi tavza lis-Sezzjoni Licenzji tal-Kummerc permezz tal-formola addatta.”*. Ghalhekk jinsisti li l-appellanti hi responsabbli ghall-hlas tad-dritt tal-licenzja.

B’dan l-argumenti hu evidenti l-istedina li qieghed jaghmel l-appellant biex din il-qorti tikkunsidra l-argument li qieghed jaghmel. Stedina li din il-qorti ser tilqa’ u ghalhekk tesprimi l-fehma taghha.

Il-qorti tibda biex tinnota li fit-twegiba li pprezenta fit-13 ta’ Frar 2008 (fol. 11) l-appellant kien iddikjara:

*“Illi pero’ galadarba jidher li r-rikorrenti m’ghadhiex legalment intitolata li tuza l-fond li minnu kienet tezercita l-attivita’ kummercjali taghha, huwa fi hsiebu jindaga sabiex jara x’uzu qed isir mill-istess fond.”*.

Sfortunatament jidher li ma sar xejn minn dan u l-proceduri komplew jitwalu bla bzonn ghal numru ta’ snin minkejja li:-

i. il-kaz jitratta dwar pretensjoni ta’ hlas ta’ 232.94 ewro;

ii. l-appellant qatt ma kkontesta li l-appellata giet zgumbrata mill-hanut b'sentenza ta' qorti li saret gudikat wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta' April 2003.

Wara li l-qorti rat l-atti hi tal-fehma li r-regolament 17 tal-Avviz Legali 102 tal-2002 ma japplikax ghal dan il-kaz. Hu evidenti li dan ma kienx kaz fejn *"detentur ta' licenzja **jiddeciedi** li jtemm jiggestixxi xi attivita' kummercjali"* (enfazi tal-qorti). Ir-realta' hi li l-appellata giet zgumbrata mill-hanut b'ordni tal-qorti. Ghalhekk ma kenitx ghazla tal-*licensee.* Fil-fehma tal-qorti r-regolament 17 qieghed jipprospetta sitwazzjoni ta' ghazla libera li jkun ghamel il-*licensee*. Il-fatti f'dan il-kaz huma ferm differenti.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------